MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 660/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Jesmond Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Jesmond Aquilina**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, iben Joseph u Jane neé Decelis, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Marzu 1971, u residenti 6, St. Joseph, Triq l-Iljun, Bormla, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 109071(M), akkuzat talli:

1. fis-16 ta' Lulju, 2013 gewwa l-Knisja tal-Birgu, ikkommetta serq ta' oggetti u cioé *handbag*, liema serq li

sar ghad-detriment ta’ Emanuela Caruana mill-Birgu u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-lok;

2. irrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta’ Malta b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 32).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta’ Lulju 2013, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu f’dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (li hija wahda refrattarja) u l-fatt li l-imputat gie akkuzat bir-recidiva u li taghha ser jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(e) u 269(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Jesmond Aquilina hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tnax (12) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jiskonta l-piena ta’ prigunerija fit-taqsima forensika tal-Isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------